MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1127/2002/1

**Salvu Zahra**
**vs**

**Carmelo Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fid-29 t'April 2002, fejn intalab il-hlas ta' tminn mitt lira Maltija (Lm800) rapprezentanti danni likwidati li sofra l-attur fil-vettura tieghu IAU 543 fl-incident awtomobilistiku li okkorra nhar l-24 ta' Dicembru 2001 go Triq Frieres, Tarxien;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Marzu, 2002, ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' April 2002, u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta' Mejju 2002 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma kkontestati billi:**

**1. Huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**
**2. Bla pregudizzju illi l-incident gie kkawzat mill-konducent tal-vettura IAU 543;**
**3. Bla pregudizzju d-danni reklamati ma jirrizultawx fil-fatt;**
**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Salvu Zahra, Marcelle Zahra, Elaine Grech, Mariella Zahra, Cynthia Zahra, Ivan Borg, PC 202 Jesmond Grech u Carmelo Farrugia. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-24 ta' Dicembru 2001 go Triq Frieres, Tarxien bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU 543 allegatament misjuqa minn Marcelle Zahra u proprjeta' ta' Salvu Zahra u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAQ-187 misjuqa minn Carmelo Farrugia. L-incident gara ghal habta tad-9.45p.m..**
**2. Jirrizulta illi s-sewwieqa tal-vettura ta' l-attur li tigi bint l-attur kienet cemplet lil ohtha Cynthia Zahra li nizlet fuq il-post ta' l-incident, wara l-incident.**
**3. Skond Cynthia Zahra l-konvenut ippropona li jaslu ghal arrangament, pero' ddecidew li jsejhu lill-Pulizija. Dana hu konfermat ukoll minn Marcelle Zahra. Mariella Zahra li tigi wkoll oht Marcelle Zahra u li kienet nizlet fuq il-post ta' l-incident ikkonfermat id-diskors li qal il-konvenut sabiex jaslu ghal ftehim, pero' jidher li kienet din li ppreferiet li jissejjah il-pulizija.**
**4. Skond Marcelle Zahra, hi kienet mal-habiba taghha Elaine Grech, u kienet qed issuq il-vettura IAU-543 u waqfet fuq stop sign, harset fuq ix-xellug, u meta harget minn fuq l-istop sign sabet vettura li giet**

**mill-lemin, cioe' kontra d-direzzjoni tal-one way. Dejjem skond l-istess sewwieqa l-vettura tal-konvenut kienet gejja b'velocita' u bla dwal. Jirrizulta li meta harget ma harsitx lejn il-lemin, ghalkemm rilevanti li biex tara fuq il-lemin necessarjament kellha tohrog ftit minn fuq l-istop sign.**

**5. Jirrizulta mir-ritratt Dok VB 1 li bint l-attur kienet hierga mill-punt immarkat "X", u fuq l-istess ritratt il-post minn fejn kien gej il-konvenut gie mmarkat bil-marka "Y". Ghalhekk il-vertenza f'dan il-kaz hija r-responsabilta' li kellu l-konvenut inkwantu kien ghaddej kontra l-one way, u r-responsabilta' ta' l-attrici li ma harsitx lejn il-lemin qabel ma bdiet hierga ghal go Triq il-Frieres, minn fuq stop sign.**

**6. Mix-xhieda jirrizulta li l-konvenut kien ghaddej kontra l-"one-way", pero` kif inghad fis-sentenza "Maria Vella Galea vs Oreste Sammut", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 mill-Qorti ta' l-Appell:**

**"Riflessjonijiet kontravenzjonali li bl-ebda mod ma jincidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva ghal sewqan prudenti u li ma jkunx rilevanti ghall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok ghas-sinistru, huma naturalment passibbli u punibbli f'sede ohra, imma m'ghandhomx u ma ghandux ikollhom rilevanza biex jigi stabbilit min kellu htija ghall-incident."**

**7. Jidher ghalhekk mill-fatti li z-zewg sewwieqa naqsu kif inghad fuq. Jigi rilevat li l-konvenut jichadli kellu d-dwal mitfijin. Inoltre fil-mument ta' l-incident kienet niezla xita qawwija. Skond il-konvenut, l-attrici "kienet ghaddejja sparata", pero` dan ta' l-ahhar ma rrizultax. Rilevanti li l-konvenut induna bl-attrici mad-daqqa. F'dan il-kuntest it-Tribunal ma jistghax jifhem kif il-konvenut seta' jghid b'liema velocita` kienet ghaddejja l-attrici qabel l-incident. Huwa ovvju li l-attrici ma kienetx qed thares fid-direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut ghax li kieku kienet qed thares wiehed jifhem li ma kienetx tohrog.**

**8. Jigi rilevat inoltre li kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell:**

**"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kundizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**

**8. Ghalhekk jidher li l-incident li sehh gara bi htija taz-zewg partijiet fi grad ugwali: il-konvenut in kwantu fic-cirkostanzi ta' temp u hin li kienu, ma kienx attent bizzejjed ghal min kien hiereg mis-side street tant li induna biha biss mad-daqqa; l-attrici in kwantu ma kienetx qed thares waqt li hierga mis-side street u konsegwentement giet fuq il-konvenut.**

**9. L-attur kellu l-hsara fil-bonnet, fil-bumper u fil-gnub fuq quddiem. Hu kkonferma li kien sofra tmien mitt lira Maltija (Lm800) bhala danni. Ghandu jigi rilevat f'dan il-kuntest illi l-vettura ta' l-attur kienet Subaru li kienet tiswa elf u mitt lira (Lm1,100) u kien xtraha second hand is-sena l-ohra. F'dan ir-rigward jigi rilevat li min sewwa l-vettura, certu Ivan Borg xehed fis-sens li kien jaqbel li tissewwa, apparti li xehed li s-surveyor tal-konvenut ma qallux biex jiskrappja il-karrozza. Dawn id-danni jirrizultaw mid-Dok.JB1, JB2A, JB2B, JB2C u JB2D, u dana fl-ammont imsemmi ta' aktar minn tmien mitt lira. Pero` stante li l-attur qed jitlob danni ta' tmien mitt lira, it-Tribunal qed jistrih fuq dak l-ammont.**

**10. In kwantu l-konvenut kien jahti fi grad ugwali mal-attrici, jigi li huwa ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kienu jahtu z-zewg sewwieqa fi grad ugwali, it-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici limitatament fis-somma ta' erba' mitt lira**

**Maltija (Lm400.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00), bl-imghax li jibda jiddekorri mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------